MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 511/2013

Il-Pulizija

vs

**John Charles Hannaford**

iben William, imwieled ir-Renju Unit, fit-22 ta' Dicembru, 1962, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 476682(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant John Charles Hannaford quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-18 ta' Awissu 2013 meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex taghti access lil Maria Carmela Hannaford ghal uliedkom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(11) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Charles Hannaford tal-25 ta' Novembu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha *tirrevoka* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor A. Vella tat-18 ta’ Novembru 2013 in kwantu sabitu hati ta’ l-akkuza dedotta kontrih u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni u konsegwentament *tilliberah* minn kull piena u htija skont il-ligi u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina ta’ l-artikolu tal-Ligi in kwistjoni:

   (a) illi dan il-kaz huwa wiehed kemm xejn partikolari. Hawn 'non si tratta' ta’ missier li qieghed jirrfjuta, in *mala fede* li jiehu lil ibnu ghal access ma’ ommu. Hawn 'si tratta' ta’ sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Familja tenut in konsiderazzjoni li l-ebda mill-genituri ma ghandhom licenzja tas-sewqan u tenut in konsiderazzjoni illi t-tifel ghandu 15-il sena, poggiet l-obbligu fuq it-tifel stess li jmur ghal access b’tal-linja.

   (b) Illi hawn 'si tratta' ta’ tifel minuri ta’ 15-il sena li jhobb jilghab il-football u li jifforma parti mil-iskwadra ta’ under 17s ta’ Fgura Utd, li jkollhom il-loghob generalment nhar ta’ Hadd, u inserta li dak inhar tat-18 ta’ Awissu 2013, it-tifel ghazel li jmur jilghab il-football milli jmur ghal access.

   (c) Illi minkejja li l-missier xehed b’mod kategoriku illi hu jghid lit-tifel sabiex imur ghal access ma’ ommu, it-tifel irrifjuta li jmur ghal access stante li kellu l-loghob. Illi l-missier ma jistax jaqbad lil ibnu ta’ 15-il sena u jgorru bil-forza fuq *bus-stop* sabiex il-minuri jirkeb tal-linja. Meta l-missier ipprova jifhem lil ibnu li jrid imur ghal access ma’ ommu, il-minuri wiegbu li jmur f’granet ohrajn meta ma ghandux loghob, izda l-omma tibqa’ tinsisti li l-access jibqa’ jigi ezercitat nhar ta’ Hadd. (illi f’dan il-kuntest, l-esponenti jirrileva li wara s-sentenza tat-18 ta’ Novembru 2013, gie prezentat rikors ghal varjazzjoni ta’ l-access).

   (d) Illi assolutament ma kien hemm l-ebda *mala fede* da parti ta’ l-appellant fil-fatt li t-tifel ma marx ghal access.

(e) Illi huwa inkontestat li l-minuri irid ikompli jilghab il-football u jippreferi jmur jilghab il-football milli jmur ghal access ma’ ommu (fil-gurnata meta jinserta li jkollu loghob fil-gurnata ta’ l-access).

(f) L-appellant qieghed jipprova jikkopera bis-shih sabiex din il-problema tirrisolvi ruhha u anke nforma lil martu sabiex tifthiem mat-tifel li meta jinserta li nhar ta’ Hadd it-tifel ikollu l-loghob, l-access ikun ezercitat f’gurnata ohra, izda minn naha ta’ l-omm ma hemm l-ebda koperazzjoni – anzi ntransigenza kbira – hija aktar interessata tivvendika ruhha mill-appellant ghaliex hu qieghed jirrisjedi fid-dar mat-tfal.

(g) Il-fatt li Maria Hannaford hija motivata minn mibgheda lejn l-appellant aktar milli mhabba lejn binha tohrog mit-tbissima li kellha fl-awla kif appena l-Ewwel Qorti erogat il-piena ta’ gimgha detenzjoni.

2. Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza u tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi

3. Illi b’kull rispett jigi rilevat illi t-tfal ma humiex oggetti. L-appellant jifhem u japprezza li l-prezenza ta’ l-omm hija mportanti ghal zvilupp tal-minuri, kif jifhem u japprezza ukoll li galadarba hemm digriet dwar access dan ghandu jigi rispettat. Pero', ma huwiex umanament possibli ghalih li jisforza lil ibnu ta’ 15-il sena li jirkeb tal-linja u jmur ghal access minflok imur jilghab il-football.

4. Illi minhabba l-intransigenza ta’ l-omm, li tibqa tinsisti li l-access irid jigi ezercitat nhar ta’ Hadd akkost ta’ kollox, l-appellant gie kundannat ghal gimgha detenzjoni. L-isfortuna hija wkoll li l-omm taf perfettament bil-kwistjoni, pero' kif inghad ma hijiex tikkopera.

5. Illi tenut in konsiderazzjoni dan kollu, ma jistax jinghad li l-appellant irrifjuta li jaghti lil Maria Hannaford l-access ghal binhom in *mala fede* jew minghajr raguni xierqa. Illi wiehed l-anqas biss jista’ jitkellem dwar il-fatt li l-appellant irrifjuta li jaghti access ghal minuri ghaliex skont id-digriet tal-Qorti tal-Familja stess, ma huwiex l-appellanti li ghandu jwassal lit-tifel ghal access izda huwa t-tifel li jrid ikun Bugibba f’hin partikolari u jirritorna lura d-dar f’hin partikolari u stante li kif gja inghad, l-ebda genitur ma jsuq, t-tifel ikollu jmur b’tal-linja.

6. Illi l-appellanti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thares lejn l-aspett uman ta’ din il-kwistjoni. Huwa minnu li hemm digriet vigenti li ghandu jigi rispettat. Pero' huwa minnu wkoll li l-minuri ghandu 15-il sena u ihobb jilghab il-football u inserta li f’dik il-gurnata partikolari ta’ l-access it-tifel mar jilghab il-football. Jekk verament l-omm trid tara lil binha, ghaliex ma rikbitx tal-linja u marret tara lil binha jilghab il-football kif del resto jaghmel l-appellant u kull genitur iehor?

7. Il-fatt li l-appellant imur il-habs zgur li mhux ser jghin lil ibnu. Huwa ghalhekk li l-legislatur ikkwalifika dan ir-reat bil-frazi ‘minghajr raguni xierqa’, ghaliex minkejja digriet vigenti, jista’ jkun hemm tabilhaqq raguni valida 'l ghaliex in-nuqqas ta’ access skont id-digriet ma jkunx tali li jikkostitwixxi reat kriminali. Dan hu evidentement il-kaz fil-kaz odjern.

8. Illi fid-dawl ta’ dan kollu l-appellant umilment ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha ma sabitux hati ta’ l-akkuza dedotta kontrih.

9. Illi minghajr preguddizju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet eccessiva u harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll il-fedina penali ta’ l-appellant, li tista tghid huwa first time offender.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda jekk il-missier hu responsabbli o meno biex jissorvelja li ibnu jmur jara lil ommu, l-parte civile.  Id-digriet tal-Qorti tal-Familja jipprospetta li iben l-partijiet irid jiehu l-karozza tal-linja mill-Fgura biex imur San Pawl il-Bahar u lura.  It-tifel ighix ma missieru l-Fgura.  Ommu tghix San Pawl il-Bahar.

Illi fil-gurnata tal-Hadd, 18 ta' Awwissu, 2013 it-tifel ma marx ghand ommu u ghalhekk Maria Carmela Hannaford ghamlet rapport l-ghassa tal-Qawra.

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta li dak in-nhar it-tifel kellu loghba footbal billi hu jilghab mat-team tal-Fgura. Waqt is-smiegh tal-provi ma saret ebda prova tal-hin tal-partita' jew tat-tahrig. L-unika haga li tirrizulta hi li dak in-nhar kellu l-football, skont ix-xhieda ta' missieru, l-appellant. Jirrizulta wkoll li l-missier ma wera ebda hegga biex jara l-hinijiet u jara jekk ghall-inqas ibnu seta' jmur ghand ommu anki ghal hin limitat. Decizament, dan l-agir ma jistghax inissel id-difiza li ghamel hekk minghajr raguni valida. Raguni valida timponi fuq min qed jallegaha li jaghti l-hin u ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u minbarra dan fil-kaz in ezami l-omm kellha tigi nfurmata sa minn l-ghejjiet li t-tifel kellu l-football.

Illi l-appellant ilmenta mill-piena erogata mill-ewwel Qorti ta' gimgha detenzjoni. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz temergi sitwazzjoni, anki familjari, li l-piena erogata mhiex wahda idoneja.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' John Charles Hannaford u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal piena. Dwar il-piena thassar u tirrevoka l-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat fi kliem semplici t-tifsira tal-artikolu tal-ligi mpost fuqu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------